31996D0393

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Ġunju 1996

li temenda d-Deċiżjoni Nru 85/377/KEE li tistabbilixxi tipoloġija Komunitarja għall-ażjendi agrarji

(It-Test b'rilevanza ŻEE)

(96/393/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 79/65/KEE tal-15 ta' Ġunju 1965 li jistabbilixxi *network* għall-ġbir ta' *data* dwar il-kontabilità dwar l-introjti u l-operazzjoni tan-negozju ta' l-ażjendi agrarji fil-Komunità Ekonomika Ewropea [1], kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea [2] Nru 95/1/KE, Euratom, KEFA ta' l-1 ta' Jannar 1995 u b'mod partikolari l-Artikoli 4(4) u 11 tiegħu,

Filwaqt li t-tipoloġija Komunitarja ta' l-ażjendi agrarji imwaqqfa mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 85/377/KEE [3], u b'mod partikolari il-Marġini *Gross Standard*, hija l-bażi għall-klassifika ta' l-ażjendi agrarji skond id-daqs ekonomiku u t-tip ta' biedja kemm fl-inkjesti dwar l-istruttura tal-biedja u taħt in-*Network* tad-*Data* dwar il-Kontabilità tal-Biedja (NDKB); filwaqt li t-tipoloġija Komunitarja hija wkoll il-bażi għall-kalkolu ta' l-unitajiet tad-daqs Ewropew (UDE) u għall-limiti wżati biex jiddelimitaw is-settur ta' l-osservazzjoni u biex jitfassal pjan biex jintgħażlu l-ażjendi li jridu jibgħatu prospett inklużi jew li għandhom jiġu nklużi fin-*Network* tad-*Data* dwar il-Kontabilità tal-Biedja (NDKB);

Filwaqt li r-riżultati dwar l-inkjesti dwar l-istruttura tal-biedja, ikklassifikati mill-UDE u t-tip ta' biedja, jservu bħala bażi biex isiru d-deċiżjonijiet għall-politika dwar l-istruttura tal-biedja taħt il-Politika Komuni tal-Agrikoltura u għad-definizzjoni tas-settur ta' l-osservazzjoni tal-NDKB, li jservi bħala bażi biex jintgħażel u jiġi ppeżat il-kampjun tal-biedja NDKB; filwaqt li s-selezzjoni ta' l-ażjendi li jridu jibgħatu prospett għas-settur ta' l-osservazzjoni għandhom ikunu rappreżentattivi f'termini ta' l-objettivi ta' kull wieħed mill-analiżi ppjanati;

Filwaqt li r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 571/88 [4], kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/170/KE [5], jipprovdi għal serje ta' inkjesti dwar l-istruttura ta' l-ażjendi agrarji mill-1998 sa l-1997 u jniżżel il-karatteristiċi li għandhom jiġu spezzjonati;

Filwaqt li l-Artikolu 11 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 85/377/KEE jgħid li l-Kummissjoni, assistita mill-Istati Membri, għandha tirrevedi mill-inqas kull għaxar snin l-esperjenza ggwadanjata fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni u kwalnkwe bżonnijiet Komunitarji ġodda li jitqajjmu fis-settur; filwaqt li wara din ir-reviżjoni, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni jistgħu jiġu emendati kif meħtieġ;

Filwaqt li l-istruttura u l-kontenut tal-lista tal-karatteristiċi ta' l-inkjesta għall-1988 sa l-1997 ġew emendati, sabiex il-karatteristiċi fil-lista l-ġdida jvarjaw minn dawk irreġistrati fl-inkjesti preċedenti; filwaqt li iktar emendi kienu neċessarja biex jieħdu kont tal-miżuri l-iktar riċenti tal-Politika Komuni tal-Agrikoltura; filwaqt li t-tipoloġija Komunitarja ta' l-ażjendi agrarji tiddependi fuq dik il-lista u hu għalhekk neċessarju li d-Deċiżjoni Nru 85/377/KEE tiġi adattata għall-lista tal-karatteristiċi ta' l-inkjesti imqiegħda mir-Regolament (KEE) Nru 571/88 bil-għan ta' l-inkjesti bejn l-1988 u l-1997;

Filwaqt li l-miżura li hemm provdut dwarha f'din id-Deċiżjoni hi skond l-opinjoni tal-Kumitat Komunitarju għan-*Network* tad-*Data* dwar il-Kontabilità tal-Biedja u skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Istatistiċi Agrarji,

[1] ĠU C 109, tat-23.6.1965, p. 1859/65.
[2] ĠU L 1, ta' l-1.1.1995, p. 1.
[3] ĠU L 220, tas-17.8.1985, p. 1.
[4] ĠU L 56, tat-2.3.1988, p. 1.
[5] ĠU L 47, ta' l-24.2.1996, p. 23.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II mad-Deċiżjoni Nru 85/377/KEE hu emendat skond l-Anness I għad-Deċiżjoni preżenti.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni

Yves-Thibault DE SILGUY

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

L-Anness II mad-Deċiżjoni Nru 85/377/KEE hu emendat kif ġej:

1. Fil-parti A ("l-iskema tal-klassifika"), it-tip ġenerali tal-biedja' 1. Uċuh speċjalisti ta' l-għalqa', it-tipi prinċipali ta' biedja 11 ("Ċereali speċjalisti") u 12 ("Uċuh ġenerali ta' l-għalqa") huma sostitwiti bit-tipi prinċipali ta' biedja 13 u 14 kif ġej:

It-Tip ġenerali ta' biedja	It-Tip prinċipali ta' biedja	It-Tip partikolari ta' biedja	Suddiviżjonijiet ta' biedja partikolari
1. Uċuh speċjalisti ta' l-għalqa	13. Ċereali speċjalisti, żerriegħa taż-żejt u uċuh tal-proteini	131. Ċereali speċjalisti (ta' xort' oħra minn ross), żerriegħa taż-żejt u uċuh tal-proteini	
		132. Ross speċjalist	
		133. Ċereali, żerriegħa taż-żejt, ross u uċuh tal-proteini kkumbinati	
	14. *Cropping* ġenerali ta' l-għalqa	141. Pjanti speċjalisti ta' l-egħruq	
		142. Ċereali u pjanti ta' l-egħruq ikkumbinati	
		143. Ħaxix speċjalist ta' l-għalqa	
		144. Uċuh varji ta' l-għalqa	1441. Tabakk speċjaliżżat
			1442. Tajjar speċjaliżżat
			1443. Uċuh varji ta' l-għalqa kkumbinati

2. Fil-parti B ("Id-Definizzjoni tat-tipi"),

— il-paragrafu (a) ("Ix-xorta ta' l-intrapriżi kkonċernati") u n-nota tal-qiegħ li għandha x'taqsam ma' (a) huma sostitwiti b'li ġej:

"(a) Ix-xorta ta' l-intrapriżi kkonċernati

Dawn l-intrapriżi jirreferu għall-lista tal-karatteristiċi spezzjonati fl-inkjesti dwar l-istruttura tal-biedja ta' l-1995 u l-1997: huma ndikati bl-użu tal-kodiċi fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 571/88, kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/170/KE, jew minn kodiċi li jerġa' jiġbor ħafna minn dawk il-karatteristiċi kif imqiegħda fl-Anness II, il-Parti Ċ (1).".

"(1) Il-Karatteristiċi D12 (Egħruq għall-għalf u *brassicas*), D18 (Pjanti għall-għalf), D21 (Art mhux miżrugħa mingħajr ebda sussidji), E (ġonna tal-kċejjen), F01 (marġ u mergħat, bl-esklużjoni ta' *rough grazing*), F02 (*Rough grazing*) u J11 (Majjali żgħar ta' inq2as minn 20 kg piż ħaj) huma wżati biss taħt ċerti kondizzjonijiet (ara l-punt 5 ta' l-Anness I)."

— tip ġenerali tal-biedja '1. Uċuh speċjalisti ta' l-għalqa', it-tipi prinċipali ta' biedja 11 ("Ċereali speċjalisti") u 12 (*Cropping* ġenerali ta' l-għalqa') huma sostitwiti bit-tipi prinċipali ta' biedja 13 u 14 kif ġej:

Il-Kodiċi	Ġenerali	Il-Kodiċi	Prinċipali	Il-Kodiċi	Partikolari	Il-Kodiċi	Suddivižjoni tat-tip partikolari tal-biedja	Id-Definizzjoni	Il-Kodiċi tal-karatteristiċi u l-limiti
1.	Uċuh speċjalisti ta' l-għalqa							*Cropping* ġenerali jiġifieri, ċereali, pjanti, patata, zokkor tal-pitravi. Egħruq għall-għalf u *brassicas,*pjanti industrijali, ħaxix frisk, bettiegħ, frawli - l-għalqa miftuħa, pjanti għall-għalf, żerriegħa u żerriegħa żgħira f'art li tista' tinħarat. Uċuh suċċessivi sekondarji mhux għall-għalf u art mhux miżrugħa soġġetta għal skemi ta' inċentiv għat-twarrib b'ebda użu ekonomiku > 2/3	P1 > 2/3
		13.	Ċereali speċjalisti, żerriegħa taż-żejt u uċuh ta' proteini					Ċereali,żerriegħa taż-żejt, legumi u art mhux miżrugħa soġġetta għall-skemi ta' inċentiv imwarrba b'ebda użu ekonom iku > 2/3	P11 + D/09 + D/13/di + D/22 > 2/3
				131.	Ċereali, żerriegħa taż-żejt, uċuh u ross ta' proteini kkumbinat			Ċereali, bl-esklużjoni tar-ross, Iż-żerriegħa taż-żejt, il-legumi u art mhux miżrugħa soġġetta għal skemi ta' inċentiv għal twarrib b'ebda użu ekonomiku > 2/3	P111###+ D/09 + D/13/di###+ D/22 > 2/3
				132.	Ross speċjalist			Ross > 2/3	D07 > 2/3
				133.	Ċereali, żerriegħa taż-żejt, uċuh u ross ta' proteini kkumbinat			Ażjendi fil-klassi 13, bl-esklużjoni ta' dawk fil-klassijiet 131 u 132 Uċuh ġenerali > 2/3	
		14.	*Cropping* ġenerali ta' l-għalqa					ċereali, żerriegħa taż-żejt, legumi u art mhux miżrugħa soġġetta għall skemi ta' inċentiv ta' twarrib b'ebda użu ekonomiku < 2/3	P1 > 2/3; P11###+ D/09###+ D/13/di###+ D/22 > 2/3
				141.	Pjanti ta' l-egħruq speċjalisti			Patata, iz-zokkor tal-pitravi u egħruq għall-għalf u *brassicas* > 2/3	P121 > 2/3
				142.	Ċereali u uċuh ta' l-egħruq ikkumbinati			Ċereali, żerriegħa taż-żejt, legumi u art mhux miżrugħa soġġetta gthal skemi ta' inċentiv ra' twarrib b'ebda użu ekonomiku > 1/3; egħruq > 1/3	P11###+ D/09###+ D/13/di###+ D/22 > 1/3 P121 > 1/3
				143.	Ħaxix speċjalist ta' l-għalqa			Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli ta' l-għalqa miftuħa > 2/3	D14a > 2/3
				144.	Uċuh varji ta' l-għalqa			Ażjendi fil-klassi 14 bl-esklużjoni ta' dawk fil-klassijiet 141, 142 u 143	
						1441.	Tabakk speċjalist	It-Tabakk > 2/3	D/13a > 2/3
						1442.	Tajjar speċjalist	It-Tajjar > 2/3	D/13c > 2/3
						1443.	Uċuh varji ta' l-għalqa kkumbinati	Ażjendi fil-klassi 144, eskluži dawk fis = suddiviżjonijiet 1441 u 1442	

3. Fl-intestatura tal-parti Ċ, is-sezzjoni I, "Kodiċi li jerġgħu jiġbru diversi karatteristiċi inklużi fl-inkjesti dwar l-istruttura ta' l-1985 u l-1987", il-limitazzjoni "1985 u 1987" hi sostitwita b' "1995 u 1997".

4. Fil-parti Ċ, is-sezzjoni I, "il-kodiċi P1" hi emendata kif ġej:

— Il-karatteristiċi "I/06a (art mhux miżrugħa, b'possibiltajiet ta' rotazzjoni) I/06b (marġ u mergħat permanenti wżati bħala *grazing* għall-bdiewa tal-biedja estensiva tal-bhejjem), I/06ċ (irtubi, ċiċri u ġilbieni)" huma mħassra.

— Il-karatteristika "D/22 - art mhux miżrugħa soġġetta għal skemi ta' inċentiv għal twarrib b'ebda użu ekonomiku" hi miżjuda.

5. Fil-parti Ċ, is-sezzjoni II, it-tabella ta' korrispondenza hi sostitwita b'li ġej:

"II. Korrispondenza bejn l-intestaturi ta' l-inkjesti dwar l-istruttura u r-*return* tal-biedja tan-*Network* tad-*Data* dwar il-Kontabilità tal-Biedja (NDKB) Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tas-SGM

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tas-SGM			
Inkjesti dwar l-Istruttura tal-Biedja ta' l-1995 u l-1997 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/170/KE)		Ir-*return* tal-biedja NDKB (Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nri 2237/77 u 2940/93)	
I. *L-Uċuh*			
D01	Il-qamħ komuni u l-*ispelt*	120.	Il-qamħ komuni u l-*ispelt*
D02	Il-Qamħ *durum*	121.	Il-Qamħ *durum*
D03	Is-sikrana	122.	Is-sikrana (inkluż il-*meslin*)
D04	Ix-xgħir	123.	Ix-xgħir
D05	Il-Ħafur	124.	Il-Ħafur
		+	+
		125.	Taħlitiet taċ-ċereali tas-sajf
D06	Iż-żerriegħa tal-qamħirrum	126.	Iż-żerriegħa tal-qamħirrum (inkluża Iż-żerriegħa tal-qamħirrum umdu)
D07	Ir-ross	127.	Ir-ross
D08	Ċereali oħrajn	128.	Ċereali oħrajn
D09	Legumi għall-produzzjoni taż-żerriegħa	129.	Legumi niexfa
D09a	li minnhom bħala uċuh puri għall-għalf: piżelli, ful u fażola, ġilbiena u lupini ħelwin	329.	Legumi niexfa għall-għalf imkabbra bħla wiċċ singolu: piżelli, fażola, ġilbiena, lupini ħelwin
D09b	Oħrajn (bħala uċuh puri jew imħallta)	330.	Uċuh oħrajn ta' proteini
D10	Patata	130.	Patata (inkluża l-patata kmieni u ż-żerriegħa)
D11	Iz-zokkor tal-pitravi	131.	Iz-zokkor tal-pitravi (bl-esklużjoni taż-żerriegħa)
D12	Egħruq għall-għalf u *brassicas*	144.	Egħruq għall-għalf u *brassicas*

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tas-SGM			
Inkjesti dwar l-Istruttura tal-Biedja ta' l-1995 u l-1997 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/170/KE)		Ir-*return* tal-biedja NDKB (Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nri 2237/77 u 2940/93)	
D13	Pjanti industrijali (inklużi żerriegħa għall-pajnti erbaċi taż-żerriegħa taż-żejt; bl-esklużjoni ta' żerriegħa għall-pjanti tal-fibri, il-ħops, it-tabakk u pjanti industrijali oħrajn)		—
	Li minnhom:		
	(a) It-tabakk	134.	It-tabakk
	(b) Il-Ħops	133.	Il-Ħops
	(ċ) It-tajjar	347.	It-tajjar
	(d) Pjanti oħrajn taż-żerriegħa taż-żejt jew pjanti tal-fibri u pjanti industrijali oħrajn		
	(i) Żerriegħa taż-żejt (total)	132.	Uċuh erbaċi taż-żerriegħa taż-żejt
	li minnhom:		
	— ir-rapa u r-rapa tat-*turnip*	331.	Ir-rapa
	— il-ġirasol	332.	il-ġirasol
	— is-soja	333.	is-soja
	...	334.	oħrajn
	(ii) Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinari	345.	Kondimenti, aromatiċi u spajcis tal-pajnti mediċinali inklużi t-te, il-kafe u ż-żerriegħa tal-kafe)
	(iii) Pjanti industrijali oħrajn li minnhom:	346.	Il-kanna taz-zokkor
		+	+
		348.	Panti industrijali oħrajn
	— Il-kanna taz-zokkor	346.	Il-kanna taz-zokkor
	...	348.	Pjanti industrijali oħrajn
D14	Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli, ta' barra jew taħt protezzjoni baxxa (mhux aċċessibbli) li minnhom:		—
D14a	Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli: egħlieqi miftuħin	136.	Ħaxix frisk, bettiegħ u frawli ta' l-iskala ta' l-egħlieqi imkabbra fil-beraħ
D14b	Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli: ta' barra, għas-suq	137.	Ħaxix frisk, bettiegħ u frawli imkabbra f'ġonna tas-swieq fil-miftuħ
D15	Ħaxix frisk, bettiegħ, frawli: taħt il-ħġieġ jew taħt koperutra ta' protezzjoni (aċċessibbli)	138.	Ħaxix frsik, bettiegħ u frawli taħt protezzjoni
D16	Fjuri u pjanti ornamentali (bl-esklużjoni tal-mixtli): ta' barra jew taħt kopertura baxxa ta' protezzjoni (mhux aċessibbli)	140.	Fjuri u pjanti ornamentali imkabbra fil-beraħ (bl-esklużjoni tal-mixtli)
D17	Fjuri u pjanti ornamentali (bl-esklużjoni tal-mixtli): taħt il-ħġie jew taħt kopertura ta' protezzjoni oħra (aċċessibbli)	141.	Fjuri u pjanti ornamentali imkabbra taħt protezzjoni
D18	Pjanti għall-għalf		
	(a) Ħaxix temporanju	147.	Ħaxix temporanju
	(b) Oħrajn	145.	Pjanti għall-għalf oħrajn
D19	Żerriegħa u żerriegħa żgira fuq art li tista' tinħarat	142.	Żerriegħa tal-ħaxix
		+	+
		143.	Żerriegħa oħra
D20	Uċuh oħrajn f'art li tista' tinħarat	148.	Uċuh oħrajn li jistgħu jinħartu mhux inklużi fl-intestaturi 120 sa 147
		+	+
		149.	Art mikrija lill-oħrajn lesta għaż-żrigħ, inkuża art magħmula disponibbli għall-impjegati bħala benefiċċju in-natura
	...	146.	Art mhux miżrugħa
D21	Art mhux miżrugħa		— il-Kodiċi 3: Art mhux miżrugħa (inkuża art 'imwarrba')

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tas-SGM			
Inkjesti dwar l-Istruttura tal-Biedja ta' l-1995 u l-1997 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/170/KE)		Ir-*return* tal-biedja NDKB (Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nri 2237/77 u 2940/93)	
D22	Art mhux miżrugħa soġġetta għal skemi ta' inċentiv ta' twarrib b'ebda użu ekonomiku	146.	— il-Kodiċi 5: Art mhux miżrugħa b'possibilitajiet ta' rotazzjoni (skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 797/85/KEE) + — il-Kodiċi 8: spazju imwarrab bilfors u mhux ikkultivat (skond ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1765/92/KEE)
F01	Marġ u mergħat permanenti, bl-esklużjoni ta' *rough grazing*	150.	Marġ u mergħat permanenti
F02	*rough grazing*	151.	*Rough grazing*
G01	Pjantazzjonijiet tal-frott u l-*berries*	152.	Ġonna tal-frott u tal-*berries*
	(a) frott frisk u speċi ta' *berries*ta' żoni bi klima ta' temperatura	349.	Frott *pome*
		+	+
		350.	Frott bl-għadma
		+	+
		352.	Frott żgħir u *berries*
	(b) Frott u speċi ta' *berries*ta' żoni bi klima subtropikali	353.	Frott tropikali u subtropikali
	(ċ) Lewż	351.	Lewż
G02	Pjantazzjonijiet taċ-ċitru	153.	Ġonna tal-frott taċ-ċitru
G03	Pjantazzjonijiet taż-żebbuġ	154.	Ortijiet taż-żebbuġ
	(a) Li normalment jipproduċu żebbuġ għall-ikel	281.	Żebbuġ għall-ikel
	(b) Li normalment jipproduċu żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	282.	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt
		+	+
		283.	Iż-żejt taż-żebbuġ
G04	Għlieqi tad-dwieli	155.	Id-dwieli
	Li minnhom normalment jipproduċu:		
	(a) Inbid ta' kwalità	286.	Għeneb għal inbid ta' kwalità
		+	+
		289.	Inbid ta' kwalità
	(b) Inbejjed oħrajn	287.	Għeneb għal inbid għall-ikel u inbid ta' xort' oħra minn inbid ta' kwalità
		+	+
		288.	Prodotti mixxellanji tad-dwieli: il-*must* ta' l-għeneb, il-ġus, il-*brandy* il-Ħall u oħrajn prodotti fir-razzett
		+	+
		290.	L-inbid għall-ikel u inbid ta' xort' oħra minn inbid ta' kwalità
	(ċ) Għeneb għall-ikel	285.	Għeneb għall-ikel
	(d) Żbib	291.	Żbib
G05	Il-Mixtli	157.	Il-Mixtli
G06	Uċuh oħrajn permanenti	158.	Uċuh oħrajn permanenti
G07	Uċuh permanenti taħt il-ħġieġ	156.	Uċuh permanenti imkabbra taħt protezzjoni
I01	Uċuh suċċessivi sekondarji (bl-esklużjoni ta' uċuh tal-ġonna għas-swieq u uċuh taħt il-ħġieġ)		
	Li minnhom:		
	(a) ċereali mhux għall-għalf		
	(b) Ħxejjex imnixxfa mhux għall-għalf		Il-kultura tal-kodiċi '3' jew '7'
	(ċ) Pjanti taż-żerriegħ taż-żejt mhux għall-għalf		
	(d) Uċuh sekondarjia suċċessivi oħrajn		
I02	Il-Faqqiegħ	136.	Il-Faqqiegħ
E	Ġonna tal-kċejjen		—

Intestaturi ekwivalenti għall-applikazzjoni tas-SGM	
Inkjesti dwar l-Istruttura tal-Biedja ta' l-1995 u l-1997 (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 96/170/KE)	Ir-*return* tal-biedja NDKB (Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nri 2237/77 u 2940/93)
II. *Il-Bhejjem*	
J01 L-*Equidae*	22. L-*Equidae* (L-Etajiet kollha)
J02 Annimali bovini, taħt sena	23. Għoġliet għat-tħaxxin + + 24. Baqar oħrajn ta' inqas minn sena
(a) irġiel	—
(b) nisa	—
J03 Annimali bovini rġiel, ta' iktar minn sena imma taħt sentejn	25. Baqar irġiel minn sena imma sa inqas minn sentejn
J04 Animali bovini nisa, ta' sena jew iktar imma taħt sentejn	26. Baqar nisa, minn sena imma sa inqas minn sentejn
J05 Annimali bovini rġiel, sentejn u iktar	27. Baqar irġiel, sentejn u iktar
J06 Erħiet, sentejn u iktar	28. Erħiet li jnisslu + + 29. Erħiet għat-tħaxxin
J07 Baqar tal-ħalib, sentejn u iktar	30. Baqar tal-ħalib + + 31. Baqar *Cull* tal-ħalib
J08 Baqar oħrajn, sentejn u iktar	32. Baqar oħrajn 1. Annimali bovini nisa li jkun jkellhom iż-żgħar (inklużi dawk inqas minn sentejn) li huma miżmuma esklusivament jew prinċipalment għall-produzzjoni + l-għoġliet 2. Il-baqar għax-xogħol 3. Il-baqar *Cull*
J09 In-Ngħaġ (l-etajiet kollha)	—
(a) ngħaġ li jnisslu	40. ngħaġ nisa (ta' sena jew iktar)
(b) ngħaġ oħrajn	41. ngħaġ oħrajn
J10 Il-Mogħoż (l-etajiet kollha)	—
(a) Mogħożiet li jnisslu	38. Mogħożiet li jnisslu
(b) Mogħoż oħrajn	39. Mogħoż oħrajn
J11 Majjali żgħar ta' inqas minn 20 kilogramma piż ħaj	43. Majjali żgħar ta' inqas minn 20 kilogramma piż ħaj
J12 Majjali nisa li jnisslu li jiżnu 50 kilogramma jew iktar	44. Majjali nisa li jnisslu ta' 50 kilogramma jew iktar
J13 Majjali oħrajn	45. Majjali għat-tħaxxin + + 46. Majjali oħrajn
J14 Broilers	47. Tiġieġ għall-ikel
J15 Tiġieġ li jbidu	48. Tiġieġ li jbidu
J16 Tjur oħrajn	49. Tjur oħrajn
J17 Fniek, nisa li jnisslu	34. Fniek, nisa li jnisslu
J18 Naħal	33. Qolliet tan-naħal"